5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Directorate Corporate Services, Ministry for Equality, Research and Innovation through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 21st February, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem, A3 Towers, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.mfer.gov.mt) u (http://hr.hrd.mfer@gov.mt).

L-4 ta' Frar, 2022

MINISTERU GĦALL-ANZJANI
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) fil-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) fil-Ministeru għall-Anzjani u l-AnzjanitàAttiva.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other Ġeneral Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Rights Directorate, A3 Towers, Triq l-Arkata, Paola. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Corporate Services Directorate are (http://www.mfer.gov.mt). and (http://hr.hrd.mfer@gov.mt).

4th February, 2022

MINISTRY FOR SENIOR CITIZENS
AND ACTIVE AGEING

Post of Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) in the Ministry for Senior Citizens and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Senior Citizens and Active Ageing, invites applications for the post of Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) in the Ministry for Senior Citizens and Active Ageing.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) huwa ta' Skala ta' Salarju 16, li fis-sena 2022 huwa ta' €14,709 fis-sena, li jiżdied b'€263 fis-sena sa massimu ta' €16,287.

2.3 Persuna fil-grad ta' Tradesman titla' fi Skala ta' Salarju 15 (li fis-sena 2022 huwa ta' €15,717 x €298 - €17,505) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Tradesman tiġi promossa għall-grad ta' Senior Tradesman fi Skala 14 (li fis-sena 2022 huwa ta' €16,865 x €316.83 - €18,766) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' Tradesman jew ħames (5) snin jekk jkun fil-pussess ta' Diploma ta' Higher Technician, jew kwalifika rikonoxxuta, kumparabbli jew kwalifika teknika ogħla, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-Higher Technician Diploma hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 tal-MQF fil-Malta Qualifications Framework (suġġetta għal minimu ta' 60 ECTS/ECVET kreditu, jew ekwivalenti*). Persuna li jkollha kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*), segwita b'sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola tal-'Higher Technician Diploma' jew kwalifika xierqa kumparabbli.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa kumparabbli ma' 60/120 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabli). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

2.6 Il-persuna nnominata tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mnizżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-unions kompetenti.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) is Salary Scale 16, which in the year 2022 is equivalent to, €14,709 per annum, rising by annual increments of €263 up to a maximum of €16,287.

2.3 A Tradesman will progress to Scale 15 (which in the year 2022 is €15,717 x €298 - €17,505) on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Tradesman will be promoted to the grade of Senior Tradesman in Scale 14 (which in the year 2022 is €16,865 x €316.83 - €18,766) on completion of ten (10) years service in the grade of Tradesman, or five (5) years if in possession of a Higher Technician Diploma or equivalent, or an approriate, recognised, comparable or higher technical qualification, subject to satisfactory performance.

2.5 The Higher Technician Diploma is rated at MQF Level 5 within the Malta Qualifications Framework (subject to a minimum 60 ECTS/ECVET or equivalent*). A person in possession of an MQF Level 4 appropriate recognised qualification (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*), followed by two (2) years proven by appropriate experience shall be deemed to ssatisfy the clause Higher Technician Diploma or appropriate equivalent qualification.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determining that it is comparable to 60/120 ECTS/ECVET (as applicable). The advise of the MQRIC may be sought.

2.6 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent union.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite

pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Tradesman/Senior Tradesman (Carpenter) jinkludu li:

i. Jaħdem għamara ta' kull xorta minn kull tip ta' injam;

ii. Jaħdem xogħol fuq il-post u jifhem pjanti tax-xogħol;

iii. Jaħdem fuq bankijiet tax-xogħol jew magni u kif ikun meħtieġ;

iv. Jagħmel bibien, armarji, xkafef, twieqi, aperturi, partitions, shutters, eċċ.;

v. Jaqta' u jiffonna l-injam bil-magna jew b1-idejn skont kif rikjest;

vi. Iżarma u jarma għamara għal skop ta' ġarr u anke jġorr l-istess għamara f'diversi uffiċini;

vii Jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni;

viii. Jagħmel tiswijiet fuq għamara li tinkludi twaħħil ta' serraturi;

ix. Iżomm l-għodda f'kundizzjoni tajba;

x. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jistgħu jiddelegaw lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xi. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xii. Kwalunkwe dmir iebor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3. The job duties for the post of Tradesman/ Senior Tradesman (Carpenter) include:

i. The manufacturing of all kinds of furniture from all kinds of timber;

ii. The ability to perfoim inlay work and to interpret work sketches;

iii. Working at benches or on machines as and when required;

iv. Making doors, cabinets, racks, window frames, apertures, partitions, etc.;

v. Cutting and shaping of wood as required by hand or machines;

vi. Dismantling and assembling of furniture for re-allocation purposes as well as the moving of same furniture to various offices;

vii. Performing related maintenance work;

viii. Effecting repairs of furniture including fitting of locks;

ix. Maintenance of workshop tools;

x. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xi. Undertake any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status taʼ residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Inġliż;

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages;

iii. fil-pussess ta' ċertifikat ta' Journeyman fis-sengħa tal-Carpentry wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' studju taħt l-Extended Skills Training Scheme (ESTS), jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa, komparabbli jew ogħla;

iii. in possession of the Journeyman's Certificate in the trade of Carpenter after having successfully completed the relative course of study under the Extended Skills Training (ESTS) or a recognised, appropriate, comparable or higher qualification;

JEW

OR

iv. Uffiċjali pubbliċi li l-kompetenza tagħhom fis-sengħa ta' Carpentry tkun ġiet iċċertifikata minn Bord tal-Eżamijiet imwaqqfa taħt l-Att dwar is-Servizz tal-impjieg u Taħriġ, jew programm rilevanti kumparabbli fl-istess qasam fil-Livell 2 tal-MQF.

iv. are public officers whose competence in the trade of Carpenter has been certified by the Trade Testing Board set up under the Employment and Training Services Act, or a relevant comparable programme in the field at MQF Level 2.

v. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. (i) Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġetti speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programmm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47

v. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the Class/Stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested

għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

by the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt)

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni ta' Segrtarju Permanenti permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Frar, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huwa (hr.msca-misw@gov.mt).

L-4 ta' Frar, 2022

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Office of the Permanent Secretary, Ministry for Senior Citizens and Active Ageing through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by the applicant). The GP47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday 21st February, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The email address of the receiving Department is (hr.msca-misw@gov.mt).

4th February, 2022

IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Pożizzjoni ta' Public Relations Officer

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Public Relations (PR) Officer.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sentejn (2) bħala PR Officer mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' PR Officer hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skond Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' PR Officer huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2022 huwa ta' €23,355.00 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €447.00 sa massimu ta' €26,037.00).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' PR Officer jinkludu:

a) L-iżviluppar ta' kampanji tal-PR u strateġiji għal relazzjonijiet mal-midja;

b) Il-kollaborazzjoni ma' timijiet interni u ż-żamma ta' komunikazzjoni miftuħa mal-maniġment superjuri;

c) L-editjar u l-aġġornar ta' materjal promozzjonali u pubblikazzjonijiet (fuljetti, vidjows, midja soċjali, eċċ.);

d) Il-preparazzjoni u t-tqassim tal-istqarrijiet għall-istampa;

e) L-organizzar ta' avvenimenti tal-PR (eż. open days, konferenzi stampa, konferenzi u avvenimenti nazzjonali) u jservi bħala l-kelliem tal-MCVS;

f) It-tfittxija ta' opportunitajiet għal sħubijiet, sponsorships, u reklamar;

THE MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

Position of Public Relations Officer

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Malta Council for the Voluntary Sector invites applications for the position of Public Relations (PR) Officer.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a two (2) year assignment as a PR Officer with the Malta Council for the Voluntary Sector, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of PR Officer is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of PR Officer is equivalent to Salary Scale 9 (which in the year 2022 is €23,355.00 per annum rising by annual increments of €447.00 up to a maximum of €26,037.00).

Duties

4. The duties of PR Officer include:

a) Developing PR campaigns and media relations strategies;

b) Collaborating with internal teams and maintain open communication with senior management;

c) Editing and updating promotional material and publications (brochures, videos, social media posts, etc.);

d) Preparing and distributing press releases;

e) Organising PR events (e.g. open days, press conferences, national conferences and events) and serving as the MCVS's spokesperson;

f) Seeking opportunities for partnerships, sponsorships, and advertising;

g) L-indirizzar ta' mistoqsijiet mill-midja u partijiet oħra;

h) Is-segwiment tal-kopertura tal-midja u s-segwiment tax-xejriet rilevanti;

i) Il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' rapporti tal-PR;

j) L-immaniġġjar ta' kwistjonijiet tal-PR;

k) It-twettiq ta' dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif dirett mid-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skond kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

g) Addressing inquiries from the media and other parties;

h) Tracking media coverage and follow relevant trends;

i) Preparing and submit PR reports;

j) Managing PR issues.

k) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Chief Executive Officer of the Malta Council for the Voluntary Sector.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skond il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, relatata mal-Komunikazzjonijiet, il-Midja u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, jew ekwivalenti,

Jew

(b) ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF, relatata mal-Komunikazzjonijiet, il-Midja u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, jew ekwivalenti, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

(iv) Profiċjenti fl-MS Office u l-midja soċjali;

(v) Il-familjarità mas-software għall-immaniġġjar tal-proġett u l-editjar tal-vidjow/ritratt hija vantaġġ.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-krediti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibilità ta' hawn fuq jew ogħla, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skond 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate and write in the Maltese and English languages;

(iii) (a) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 6, related to Communications, Media and Public Relations, or equivalent,

Or

(b) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 5, related to Communications, Media and Public Relations, or equivalent, plus two (2) years relevant work experience;

(iv) Proficient in MS Office and social media;

(v) Familiarity with project management software and video/photo editing is a plus.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria or higher, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji skennjati mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' Curriculum Vitae li juru l-kwalifiki u l-esperjenza jintlaqgħu mill-Kunsill Malta għas-Settur tal-Volontarjat fiċ-Ċentru tal-Volontarjat, 181 Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129, sa nofsinhar (Ħin Ċenrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2022.

L-Applikazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miwv@gov.mt) jew bil-posta fl-indirizz: Ċentru tal-Volontarjat, 181, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129, sal-ħin u d-data indikati għal din is-sejħa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fiċ-Ċentru tal-Volontarjat, 181 Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129, jew mis-sit elettroniku (http://maltacvs.org/).

In-numru tat-telefown u l-indirizz elettroniku tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat huma +356 2248 1110, u (mcvs.miwv@gov.mt).

L-4 ta' Frar, 2022

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

*Advt No. 12. Lease on a year to year basis for gardening purposes of a site tale quale No. 20 which is situated adjacently to Block No. 13, Triq il-Monsinjur P. P. Psaila, Ħal Qormi, as shown edged in red and marked No. 20 on the plan L.D. 54/74. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,307 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and seven hundred and sixty-nine

elf u seba' mija u disgħa u sittin ewro (€1,769) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 13. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit 'l hemm minn Triq ir-Ramla tal-Bir, il-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2006_834_1. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti li jridu jiġu rrispettati. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmien ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€8.25) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

L-4 ta' Frar, 2022

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li l-Emergency Fire and Rescue Unit qiegħed iħabbar Sejħa għal Kwotazzjonijiet.

L-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni qed tilqa' kwotazzjonijiet għal xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tas-Soċjetá bħala parti mill-proġett VOPS 16/2022 bl-isem 'Three Rs: Restore, Refurbish, Restructure. Restoration of Facade'.

Dawk il-kuntratturi li huma interessati għandhom jitolbu iktar dettalji sabiex jirċievu kopja tal-bill of quantities fuq (bandakuncizzjoni@hotmail.com).

euro (€1,769) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 13. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site off Triq ir-Ramla tal-Bir, Mellieħa, shown edged in red on the plan P.D.2006_834_1. This site maybe subject to existing servitudes which must be respected. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight euro and twenty-five cents (€8.25) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

*Advertisements appearing for the first time

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

4th Febuary, 2022

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that the Emergency Fire and Rescue Unit is requesting a Call for Quotations.

The Immaculate Conception Band Club is requesting quotations from prospective bidders to perform works on the facade of the club as part of its VOPS 16/2022 project titled 'Three Rs: Restore, Refurbish, Restructure. Restoration of Facade'.

Interested prospective bidders should send a request to receive copy of the bill of quantities to (bandakuncizzjoni@hotmail.com).

Id-domanda għall-bill of quantities għandha tintbagħat sa mhux aktar mill-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2022. Il-kwotazzjonijiet għandhom jaslu sat-Tnejn, 28 ta' Frar, 2022. Il-kuntrattur magħżul għandu jlesti x-xoghol sal-aħħar ta' Mejju, 2022. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju Ġenerali bin-numru tat-telefown 9988 1876.

Dan il-proġett huwa ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme, amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Kwalità tal-Ħajja u l-Volontarjat

L-4 ta' Frar, 2022

Deadline to receive copy of the bill of quantities is Friday 18th February, 2022. Quotations should be received by Monday 28th February, 2022. Selected contractor should complete the works by the end of May, 2022. Further information may be obtained from the General Secretary by telephone number 9988 1876.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector on behalf of the Ministry for Inclusion, Social Wellbeing and Voluntary Organisations.

4th February, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa mmarkati: SMARSF-ACSTFRM 2022 quotation for the supply and installation of a cassette air conditioner unit (Complete Functioning AC Unit), jintlaqgħu f'Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 15 ta' Frar, 2022, għal:

Kwot. Nru. SMARSF-ACSTFRM 2022. Provvista u installazzjoni ta' cassette air conditioner unit (kompluta b'AC Unit li jaħdem)

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

L-4 ta' Frar, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION AND SPORT

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers, marked: SMARSF-ACSTFRM 2022, quotation for the supply and installation of a cassette air conditioner unit (Complete Functioning AC Unit), will be received at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Tuesday, 15th February, 2022, for:

Quot. No. SMARSF-ACSTFRM 2022. Supply and installation of a cassette air conditioner unit (complete functioning AC Unit)

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours – from Monday to Friday between 8.30 a.m. to 12.30 p.m., or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) for the attention of Ms Colombia Cefai.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

4th February, 2022

TRANSPORT MALTA

Espressjoni ta' Interess għal Irkantaturi

L-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qiegħda tistieden irkantaturi biex japplikaw għal servizzi ta' rkantar li jagħtu sapport waqt l-irkantar ta' vetturi li jsir minn Transport Malta.

L-irkantatur għandu jkollu liċenzja valida biex jagħmilha ta' rkantatur. Kull irkant jikkonsisti minn madwar 25 vettura. Il-katalgu tal-irkant u affarijiet oħra se tieħu ħsiebhom Transport Malta.

TRANSPORT MALTA

Expression of Interest for Auctioneers

The Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is inviting auctioneers to apply for auctioneering services of giving support during the auctions of vehicles held by Transport Malta.

The auctioneer must have a valid licence to act as an auctioneer. Each auction will consist of approximately 25 vehicles. The auction catalogue and other related matters will be taken care of by Transport Malta.

Transport Malta mhijiex se taċċetta offerti li jaqbżu €300 (mingħajr VAT) għal kull irkant. Din l-Espressjoni ta' Interess se tkun valida għal perjodu ta' tnax-il xahar li jibda fi Frar 2022. L-irkanti se jsiru kull xahar.

Fornituri tas-servizz għandhom jirreġistraw l-interess tagħhom permezz ta' ittra elettronika, u jinkludu kopja ta' liċenzja valida maħruġa minn awtorità kompetenti, lil (quotationsgeneral@transport.gov.mt) sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 16 ta' Frar, 2022.

Sit elettroniku: (www.transport.gov.mt)

L-4 ta' Frar, 2022

ID-DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR
U L-KORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET,
L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Offerti

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħarraf illi offerti elettroniċi rigward dan l-avviż jintlaqgħu sad-9.30 a.m. CEST tat-Tlieta, l-1 ta' Marzu, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Avviż Nru. SPD7/2021/102. Żvilupp, disinn, implimentazzjoni u manutenzjoni ta' website ġdida, li tinkludi l-possibbiltà ta' migrazzjoni ta' kontenut minn website kurrenti, timpromovi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex l-offerti jiġu sottomessi. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Id-Diviżjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta parti minn jew l-offerta sħiħa, jew parti minn jew l-offerti kollha mitfugħa, inkluż l-aktar vantaġġjuża/i.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Frar, 2022

Transport Malta will not accept offers exceeding €300 (excluding VAT) per auction. This Expression of Interest will be valid for a period of 11 months commencing February 2022. The auctions will be held on a monthly basis.

Service providers are to register their interest by email, including a copy of a valid licence issued by a competent authority, to (quotationsgeneral@transport.gov.mt) by not later than Wednesday, 16th February, 2022.

Website: (www.transport.gov.mt)

4th February, 2022

PLANNING AND PRIORITIES
CO-ORDINATION DIVISION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Tenders

The Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division within the Office of the Prime Minister, notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received up until 9.30 a.m. CEST of Tuesday, 1st March, 2022. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Advt No. SPD7/2021/102. Development, design, implementation and maintenance of a new website, including optional migration of content from current website, promoting European Structural and Investment Funds

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to submit offers. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to log onto the website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The Division reserves the right to refuse in part or in whole any or all of the offers submitted, including the most advantageous.

Late submissions will not be considered.

4th February, 2022

ID-DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR U L-KORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET, L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Offerti

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħarraf illi offerti elettroniċi rigward dan l-avviż jintlaqgħu sad-9.30 a.m. CEST tal-Ħamis, is-17 ta' Frar, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Avviż Nru. SPD7/2022/103. Provvista ta' servizzi ta' taħriġ remot fuq kunflitt ta' interess u frodi.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex l-offerti jiġu sottomessi. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Id-Diviżjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta parti minn jew l-offerta sħiħa, jew parti minn jew l-offerti kollha mitfugħa, inkluż l-aktar vantaġġjuża/i.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-4 ta' Frar, 2022

PLANNING AND PRIORITIES CO-ORDINATION DIVISION, OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Tenders

The Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division within the Office of the Prime Minister, notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received up until 9.30 a.m. CEST of Thursday, 17th February, 2022. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Advt No. SPD7/2022/103. Provision of remote training services on conflict of interest and fraud.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to submit offers. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to log onto the website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The Division reserves the right to refuse in part or in whole any or all of the offers submitted, including the most advantageous.

Late submissions will not be considered.

4th February, 2022

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi Nazzjonali

European Structural and Investment Funds 2014-2020
Co-financing rate: 80% European Union Funds; 20% National Funds

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza Nru. 0402U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 11 ta' Frar, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-4 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU ref. no. 0402U22 will be received up to noon on Friday, 11th February, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

4th February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-avviż li ġej se jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu, 2022. Talbiet għall-Parteċipazzjoni għandhom jiġu milqugħa BISS permezz ta' ittra elettronika lil (negotiation.cpsu@gov.mt), għal:

RFP Nru. 021-6013/22. Lott 1: Topiramate 25mg tablets (as Topamax®) Lott 2: Topiramate 50mg tablets, (as Topamax®) Lott 3: Topiramate 100mg tablets (as Topamax®).

Is-Central Procurement and Supplies Unit Request for Participation ta' hawn fuq jista' jitniżżel minn (http://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Request-for-Participation-(RFPs).aspx).

L-4 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0147/22. Human growth hormone injections

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, il-25 ta' Frar, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-0125/22 Transfusion sets for blood components.

CFT 020-0126/22 Needles for intra osseous vascular access.

CFT 021-0127/22 Propranolol Hydrochloride 1mg/ml oral solution.

CFT 021-0128/22 Pegylated Liposomal Doxorubicin Hydrochloride 2mg/ml concentrate for solution for intravenous infusion in 10ml vials and 25ml vials.

CFT 020-0129/22 Slicing lancets for neonatal screening (Guthrie Test).

CFT 020-0130/22 Foldable injectable lenses.

CFT 021-0131/22 Azathioprine 50mg tablets.

CFT 021-0132/22 Recombinant human interferon gamma IB vials.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies) for the Ministry for Health notifies that:

Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 4th March, 2022. Requests for Participation are to be submitted ONLY via email (negotiation.cpsu@gov.mt), for:

RFP No. 021-6013/22. Lot 1: Topiramate 25mg tablets (as Topamax®) Lot 2 : Topiramate 50mg tablets,(as Topamax®) Lot 3: Topiramate 100mg tablets (as Topamax®).

All the above Central Procurement and Supplies Unit Requests for Participation can be downloaded from (http://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Request-for-Participation-(RFPs).aspx).

4th February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Monday, 21st February, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0147/22. Human growth hormone injections

These tender documents are free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Friday, 25th February, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-0125/22 Transfusion sets for blood components.

CFT 020-0126/22 Needles for intra osseous vascular access.

CFT 021-0127/22 Propranolol Hydrochloride 1mg/ml oral solution.

CFT 021-0128/22 Pegylated Liposomal Doxorubicin Hydrochloride 2mg/ml concentrate for solution for intravenous infusion in 10ml vials and 25ml vials.

CFT 020-0129/22 Slicing lancets for neonatal screening (Guthrie Test).

CFT 020-0130/22 Foldable injectable lenses.

CFT 021-0131/22 Azathioprine 50mg tablets.

CFT 021-0132/22 Recombinant human interferon gamma IB vials.

CFT 021-0133/22 Vincristine Sulphate vials.

CFT 027-0134/22 Tender for pre and post awareness campaign surveys linked to the esf 02.065 Project – establishing a national platform to address social determinants of health.

CFT 021-0136/22 Naltrexone hydrochloride 50mg Tablets

CFT 020-0137/22. Sets għal IVAC volumetric pumps

CFT 020-0138/22. Oral hygiene pack

CFT 021-0139/22. Mesalazine 400mg tablets

CFT 020-0140/22. Non-woven swabs 10cm x 10cm

CFT 021-0141/22 Orphenadrine Hydrochloride 50mg tablets

CFT 021-0142/22 Nanocolloid albumin (human serum albumin colloid)

CFT 021-0143/22 Omeprozle 10mg tablets

CFT 021-0144/22 Oral liquid osmotic laxative for constipation

CFT 021-0145/22 Risperidone 1ml/mg syrup

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-4 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing u Mmaniġġjar ta' Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sal-10.30 a.m. tal-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. CFT 027-0146/22. Provvediment ta' servizzi ta' riċerka għal 'Quantitative Research on Social Determinants of Sexual and Reproductive Health'.

Avviż Nru. CFT 027-0134/22. Kampanji ta' għarfien dwar surveys ta' qabel u ta' wara marbuta ma' ESF 02.065 Project – Establishing a National Platform to Address Social Determinants of Health.

Dawn id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas. Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu minn fuq l-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex

CFT 021-0133/22. Vincristine Sulphate vials.

CFT 027-0134/22. Pre and post awareness campaign surveys linked to the esf 02.065 Project – establishing a national platform to address social determinants of health.

CFT 021-0136/22 Naltrexone hydrochloride 50mg Tablets

CFT 020-0137/22. Sets for IVAC volumetric pumps

CFT 020-0138/22. Oral hygiene pack

CFT 021-0139/22. Mesalazine 400mg tablets

CFT 020-0140/22. Non-woven swabs 10cm x 10cm

CFT 021-0141/22 Orphenadrine Hydrochloride 50mg tablets

CFT 021-0142/22 Nanocolloid albumin (human serum albumin colloid)

CFT 021-0143/22 Omeprozle 10mg tablets

CFT 021-0144/22 Oral liquid osmotic laxative for constipation

CFT 021-0145/22 Risperidone 1ml/mg syrup

These tender document are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

4th February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supply Management, Ministry for Health) notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to the date and time indicated below. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt).

Up to 10.30 a.m. on Friday, 25th February, 2022, for:

Advt No. CFT 027-0146/22. Provision of research services for a 'Quantitative Research on Social Determinants of Sexual and Reproductive Health'.

Advt No. CFT 027-0134/22. Pre and post awareness campaign surveys linked to the ESF 02.065 Project – Establishing a National Platform to Address Social Determinants of Health.

These tender documents is free of charge. Tender documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID

ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.


Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-4 ta' Frar, 2022

in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

4th February, 2022



Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
'Investiment fil-kapital uman biex jinħolqu aktar opportunitajiet
u jippromovu l-benesseri tas-soċjetà'
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali



Operational Programme II – European Structural and Investment Funds 2014-2020
'Investing in human capital to create more opportunities
and promote the wellbeing of society'
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union Funds; 20% National Funds

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Venera permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022, u l-applikazzjoni tingħlaq fit-28 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. STVLCT/1/2022. Provvista ta' accountant kwalifikat.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Frar, 2022

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Venera Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Friday, 4th February, 2022, and the deadline is set for 28th February 2022, for:

Advt No. STVLCT/1/2022. Provision of a qualified accountant.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th February, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Għargħur permezz tal-ePPS, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 4 ta' Marzu, 2022, għal:

Avviż Nru. GLC 01/2022. Provvista u konsenja ta' sistema ta' dawl arkitettoniku għall-Kunsill Lokali Ħal Għargħur.

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Għargħur Local Council through ePPS, up to noon on Friday, 4th March, 2022, for:

Advt No. GLC 01/2022. Supply and delivery of architectural lighting system for the Ħal Għargħur Local Council.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

L-4 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu, 2022, għal:

Offerta ta' xogħlijiet għall-imudellar mill-ġdid ta' bandli eżistenti f'Burmarrad, b'mod li jitħares l-ambjent, San Pawl il-Baħar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

L-4 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI X-XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali x-Xagħra jgħarraf illi:

Sejħiet għall-kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali x-Xagħra, permezz tal-ePPS, sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-1 ta' Marzu, 2022, għal:

Avviż Nru. TXLC/01/2022. Offerta ta' provvista għall-provvista ta' trakk ġdid b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Frar, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

4th February, 2022

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Pawl il-Baħar Local Council through ePPS, up to noon of Friday, 4th March, 2022, for:

Works tender for the re-modelling of an existing playground in Burmarrad, in an eniveronmently friendly manner, San Pawl il-Baħar.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

4th February, 2022

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Xagħra Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Tuesday, 1st March, 2022, for:

Advt No. TXLC/01/2022. Supply tender for the supply of a new low emission truck.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th February, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Għarb sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022, għal:

Avviż Nru. GRB/04/22. Offerta ta' xogħlijiet għall-kostruzzjoni ta' family hub fiċ-Ċentru Ċiviku tal-Għarb (inkluż materjal taż-żebgħa li ma tagħmilx ħsara 'l-ambjent u tagħmir tal-IT) ħruġ mill-ġdid

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Frar, 2022

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Għarb Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Għarb Local Council up to 11.00 a.m. on Monday, 21st February, 2022, for:

Advt No. GRB/04/22. Works tender for the construction of a family hub at the Għarb Civic Centre (including the use of environmentally friendly paint material and IT equipment) re-issue

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th February, 2022

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020
LEADER
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Kofinanzjament: 75% Fondi tal-UE; 25% Fondi Nazzjoanli
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
L-Ewropa tinvesti f'żoni rurali

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
LEADER
European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD)
Co-financing Rate: 75% EU Funds; 25% National Funds
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe investing in rural areas

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

168

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Ottubru, 2021, fuq rikors ta' APS Bank plc ġja APS Bank Ltd (C2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2), fil-pjan terran elevat, fil-kumpless '97, Chamonix Court'

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 19th October, 2021, on the application of APS Bank plc gja APS Bank Ltd (C2192), Tuesday, 8th March, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internamlly marked number two (2), situated on the elevated ground floor level, in the complex

ġewwa Triq it-Torri, Birkirkara, fuq in-naħa tal-lemin meta wieħed iħares lejn il-kumpless ta' bini, li minnu jifforma parti l-appartament, mit-triq. L-appartament hu sovrapost għal sular ta' garaxxijiet u sottopost għal żewġ flats. Inkluż ma' dan l-appartament hemm il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-appartament flimkien mal-bitħa interna. L-appartament jikkonfina mill-Grigal mal-imsemmija Triq, mill-Majjistral ma' beni ta' Carmelo Muscat u mil-Lvant mar-rimanenti kumpless proprjetà ta' Jakro Developments Limited jew l-aventi kawża minnha. Inkluż ukoll mal-appartament hemm sehem indiviż tal-partijiet komuni fl-imsemmi kumpless ta' bini liema partijiet komuni jikkomprendu fl-entrata, entratura, taraġ ta' barra li jwasslu għall-entratura prinċipali, taraġ interni sal-bejt (però esklużż il-bejt), indani, lift u lift shafts. Il-bejt m'għandux jitqies bħala parti komuni, iżda sid l-appartament għandu dritt limitat ta' użu tal-bejt għall-iskop indikat fil-kuntratt tal-akkwist. L-appartament għandu d-dritt ta' użu in perpetwu u mhux interott tal-passaġġi komuni fuq il-bejt għall-iskop indikat fl-istess kuntratt tal-akkwist. L-appartament huwa liberu u frank, bid-drittijiet u ġustijiet kollha tiegħu u suġġett ghat-tgawdija ta' drittijiet attivi u hu suġġett għas-servitujiet passivi li jirriżultaw mill-pożizzjoni relattiv tal-appartament fil-kumpless, inklużi lis-sistema tad-dranaġġ u tal-ilma tax-xita jkunu komuni, hekk kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat wieħed u għoxrin ta' Mejju, elfejn u erbatax (21.05.2014) u stmat li jiswa mitejn, sitta u sebgħin elf u disa' mija u sittin ewro (€276,960).

Il-lock up garage fis-semi basement level immarkat bin-numru mhux uffiċjali ħamsa (5) formanti parti minn livell ta' garaxxijiet li hu sottopost għal blokk immarkat bin-numru uffiċjali sebgħa u disgħin (97) 'Chamonix Court' fi Triq it-Torri, Birkirkara, aċċessibli minn drive in u rampa komuni fuq il-lemin tal-blokk inti u thares lejn it-triq, konfinanti l-garaxx mill-Grigal mad-drive in komuni u mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Jakro Developments Limited jew l-aventi kawża minnha. Inkluż ukoll mal-garaxx hemm sehem indiviż tal-partijiet komuni fl-imsemmi livell ta' garaxxijiet liema partijiet komuni jikkomprendu r-rampa u d-drive in komuni, lift u lift shafts u shafts. Il-garaxx hu liberu u frank bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tiegħu, suġġett għat-tgawdija ta' drittijiet attivi u hu suġġett għas-servitujiet passivi li jirriżultaw mill-pożizzjoni relattiva tal-garaxx fil-kumpless, hekk kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat wieħed u għoxrin ta' Mejju, elfejn u erbatax (21.05.2014) u stmat li jiswa tnejn u għoxrin elf, tmien mija u ħames ewro (€22,805).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Aloisio Daniel (KI 353976M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 17/2021.

'97, Chamonix Court' in Triq it-Torri, Birkirkara, on the right hand side when one faces the building complex of which the apartment forms part of, from the road. The apartment overlies one floor of garages and underlies two apartments. Included with the apartment is the courtyard situated at the back of the apartment along with the internal courtyard. The apartment is bounded on the northeast by the said street, on the northwest by Carmelo Muscat's property and on the east by the remaining complex property of Jakro Developments Limited or its successors in title. Also included with the apartment is an undivided share of the common parts in the said building complex which common parts consist in the entrance, entrance hall, stairs leading to the main entrance, internal stairs to the roof (but excluding the roof), halls, lift and lift shafts. The roof shall not be considered as a common part, but the owner of the apartment has a limited right of use of the roof for the purpose indicated in the relative contract of sale. The apartment has the right of perpetual use and uninterrupted use of the common passages on the roof for the purpose indicated in the same contract of sale. The apartment is free and unencumbered with all its rights and appurtenances and is subject to the right of active rights and is subject to the passive servitudes resulting from the relative position of the apartment in the complex, including the common drainage and rainwater system as better described in the acts of Notary Rachel Busuttil dated twenty-first May of the year two thousand and fourteen (21.05.2014) and is valued at two hundred seventy six thousand and nine hundred and sixty euro (€276,960).

The lock up garage at semi basement level marked with unofficial number five (5) forming part from a level of garages, underlying block marked with official number ninety seven (97) 'Chamonix Court' in Triq it-Torri, Birkirkara, accessible from a common drive in and ramp on the right hand side of the block when one faces the building complex of which the apartment forms part of, from the road. The garage is bounded on the northeast by common drive in and southeast and northwest by property of Jakro Developments Limited or their successors in title, included also with the garage is an undivided share of the common parts in the said level of garages which common parts consists in common the ramp and drive in, lift and lift shafts and shafts. The garage is free and unencumbered with all its rights and appurtenances, subject to the enjoyment of active rights and is subject to the passive servitudes resulting from the relative position of the garage in the complex as better described in the acts of Notary Rachel Busuttil dated twenty-first May of the year two thousand and fourteen (21.05.2014) and is valued at twenty two thousand eight hundred and five euro (€22,805).

The said tenement is the property of Aloisio Daniel (ID 353976M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 17/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 1st February, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

169

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-27 ta' Jannar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 7/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni jew annotazzjoni fl-Att taż-Żwieg ta' Catherine Taylor li jġib in-numru 2524/2021, sabiex minnha jkun jirriżulta li kunjomha huwa 'Taylor' u mhux 'Coghill'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022

DR. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 27th January, 2022, and upon an application numbered 7/2022, Ordered:

The correction or annotation in the Act of Marriage of Catherine Taylor bearing the number 2524/2021, whereby her surname appears as 'Taylor' instead of 'Coghill'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 1st February, 2022

DR. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LL.B. (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

170

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-27 ta' Jannar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 6/2022, Ordnat:

Illi meta jiġi biex ikun irreġistrat l-Att tat-Twelid ta' Peter John Evetts fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta jeffettwa l-korrezzjoni jew annotazzjoni, li minnha jkun jirrizulta li kunjomu issa huwa 'Evetts' u mhux 'Brady'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti NutariliI

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 27th January, 2022, and upon an application numbered 6/2022, Ordered:

That when it comes to the registering of the Act of Birth of Peter John Evetts in the Malta Public Registry, the Director of the Public Registry shall effect the correction or annotation whereby his surname 'Evetts' appears instead of 'Brady'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 1st February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

171

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-27 ta' Jannar, 2022, u dan wara Rikors b'numru 8/2022, Ordnat:

Illi meta jiġi biex ikun irreġistrat l-Att tat-Twelid ta' Liam Michael Owen Evetts fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta jeffettwa

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 27th January, 2022, and upon an application numbered 8/2022, Ordered:

That when it comes to the registering of the Act of Birth of Liam Michael Owen Evetts in the Malta Public Registry, the Director of the Public Registry shall effect the correction

l-korrezzjoni jew annotazzjoni, li minnha jkun jirriżulta li kunjomu issa huwa 'Evetts' u mhux 'Kendrick'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

or annotation whereby hsi surname 'Evetts' appears instead of 'Kendrick'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Tuesday, 1st February, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

172

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Jannar, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament, fit-tieni sular (First Floor), internament immarkat bin-numru erbgħa (4) fi blokka bl-isem 'Alder Court' fi Triq Nard Mallia, Iż-Żurrieq, aċċessibbli mill-istess blokka, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha, u bid-dritt tal-użu tal-partijiet tal-komun li fost oħrajn jinkludu l-entratura prinċipali tal-blokka, it-taraġ komuni, il-lift u s-sistema tad-drenaġġ hekk kif aħjar deskritt f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-tlettax ta' Settembru, elfejn u tnax (13.09.2012) u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u sittin elf ewro (€265,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Stefanov Alexander (KI 48811A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 43/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 31 ta' Jannar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 20th January, 2022, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 12th May, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale By Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment, at first (1st) floor level, internally marked number four (4), in block named 'Alder Court', in Triq Nard Mallia, Żurrieq, accessible from the same block, with all its rights and appurtenances, and with the right of use of the parts intended for common use including amongst others the main entrance of the block, the common staircase, the lift and the drainage system as better described in the acts of Notary Ruben Casingena of the thirteenth September, two thousand and twelve (13.09.2012) and is valued at two hundred and sixty five thousand euro (€265,000).

The said tenement is the property of Stefanov Alexander (ID 48811A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 43/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 31st January, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

173

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta' Frar, 2022 (Rikors numru 70/2019BS) ġiet ikkonfermata inabilitata temporanjament mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Bernarda sive Bernardette Muscat, diżokkupata, mart l-istess Andrew Muscat, bint Coronato Ellul u il-mejta Pia née Zammit, imwielda f'Victoria, Għawdex, u residenti n-Nadur, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 39264G, liema inabilitazzjoni hi temporanja għal żmien sena għal kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi flus u ħlasijiet.

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the 1st of February, 2022 (Application number 70/2019BS), Bernarda sive Bernardette Muscat, unemployed, wife of same Andrew Muscat, daughter of Coronato Ellul and the late Pia née Zammit, born in Victoria, Gozo, and residing in Nadur, Gozo, holder of identity card number 39264G has been confirmed temporarily incapacitated from all acts of civil life, which incapacition is temporary for the period of one year for all transactions which involves money and payments.

Andrew Muscat, self employed, bin il-mejtin Peter Paul Muscat u Grezzja née Pisani, imwieled in-Nadur, Għawdex, u residenti n-Nadur, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 49858G, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum l-1 ta' Frar, 2022

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Andrew Muscat, self-employed, son of the late Peter Paul Muscat and Grezzja née Pisani, born in Nadur, Gozo, and resides in Nadur, Gozo, holder of identity card number 49858G, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo),Voluntary Jurisdiction

This 1st February, 2022

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

174

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-ewwel (1) ta' Frar, 2022 (Digriet numru 15/2022BS, wara rikors numru 115/2021BS) ġie kkonfermat inabilitat Stephen Attard, ġuvni, iben il-mejtin Giuseppe Attard u Emanuela née Vella, imwieled u residenti Victoria, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 766G.

Dr Jonathan Mintoff, avukat, bin Anthony Mintoff u Domenica née Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, u residenti Għasri, Għawdex (karta tal-identità numru 9495M), ġie bl-istess digriet nominat kuratur tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum l-1 ta' Frar, 2022

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the firsth (1st) of February, 2022 (Decree number 15/2022BS following application number 115/2021(BS) Stephen Attard, bachelor, son of the late Giuseppe Attard and Emanuela née Vella, born and resides in Victoria, Gozo, and holder of identity card njumber 766G, has been confirmed incapacitated.

Dr Jonathan Mintoff, lawyer, son of Anthony Mintoff and Domenica née Mifsud, born in Tal-Pietà, Malta, and resides in Għasri, Gozo (identity card number 9495M), has been nominated as his curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 1st February, 2022

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

175

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-4 ta' Awwissu, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Anthony Azzopardi (KI 419957M) u Charles Azzopardi (KI 205854M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, ippreżentaw Talba, fil-21 ta' Ġunju, 2021, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Anthony Portelli ta' It-Teatro Trattorija Pizzerija, 55/54, Triq it-Teatru l-Qadim, Il-Belt Valletta, sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' €4325.47, liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th August, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Anthony Azzopardi (ID 419957M) and Charles Azzopardi (ID 205854M) carrying on trade under the name of Azzopardi Fisheries of Triq il-Mosta, St Paul's Bay, filed a Claim on the 21st June, 2021, whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Anthony Portelli of It-Teatro Trattorija Pizzerija, 55/54, Triq it-Teatru l-Qadim, Valletta, to pay the plaintiffs the sum of €4325.47, which amount is due to the plaintiffs.

With costs and interests

Il-kawża (Avviż numru 177/2021SFJ) hija differita għat-8 ta' Frar, 2022, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 2 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim number 177/2021SFJ) is deferred on the 8th February, 2022, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 2nd February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

176

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 23 ta' Marzu, 2022, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'garaxx bin-numru sebgħa u għoxrin (27), fi Triq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Vassallo Marco (KI 456372M).

Vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru tax-chassis WF0HXXWPJH7P20222

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 6/21.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 01st Febraury, 2022, on the application of J. Zammit Limited (C37945), Wednesday, 23rd March, 2022, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction, to be held in garage number twenty seven (27) in Triq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, Malta, of the following items seized from the property of Vassallo Marco (ID 456372M).

Vehicle of the make Ford Fiesta with chassis number WF0HXXWPJH7P20222

N.B. The vehicle will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 6/21.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 1st Feburary, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

177

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Frar, 2022 (Digriet numru 14/2022BS, wara Rikors numru 116/2021BS) ġiet ikkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja Georgina Grech, armla ta' Tarcisio Grech, bint il-mejtin Joseph Camilleri u Filomena Incorvaia, imwielda Birkirkara, Malta, u residenti fid-dar tal-anzjani San Lawrenz, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 543947M.

Rita Grech, bint il-mejjet Tarcisio Grech u Georgina née Camilleri, imwielda Tal-Pietà, Malta, u residenti Għajnsielem, Għawdex, karta tal-identità numru 117774M ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 2 ta' Frar, 2022

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the 2nd of February, 2022 (Decree number 14/2022BS following Application number 116/2021BS) Georgina Grech, widow of Tarcisio Grech, daughter of the late Joseph Camilleri u Filomena Incorvaia, born in Birkirkara, Malta, and residing in the elderly home in San Lawrenz, Gozo (identity card number 543947M) has been confirmed incapacitated from all acts of civil life.

Rita Grech, daughter of the late Tarcisio Grech and Georgina née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, and residing in Għajnsielem, Gozo (identity card number 117774M), has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 2nd February, 2022

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

178

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fit-8 ta' Novembru, 2021, Rikors tal-Appell numru 448/2021, fl-ismijiet Gordon Blanco vs Kurt Grech, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Gordon Blanco, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell, wara s-sentenza fl-ismijiet Rikors numru 448/2021 JVC, fl-ismijiet Gordon Blanco (KI 0266082M) bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti George Victor Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 645012026), Patricia Marie Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 647910482), Janet Ann Mutch (passaport tal-Istat Uniti, bin-numru 591745940), u Josephine Rita Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 645012026) qua eredi tad-defunt George Cassar u qua proprjetarji tal-fond bin-numru '43' ġja disgħa u għoxrin (29) fi Triq is-Sirena, Senglea, vs Kurt Grech (KI 0433988M), fis-7 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrenti Kurt Grech espona bir-rispett:

1. Illi dan ir-rikors huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2021, fl-ismijiet premessi;

2. Illi permezz ta' rikors ippreżentat bil-proċedura tal-giljottna Gordon Blanco bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti talab,

… omissis …

1. Illi l-intimat li qiegħed jokkupa il-fond numru tlieta u erbgħin (43) ġja disgħa u għoxrin fi Triq is-Sirena, L-Isla, jiġi żgombrat,

… omissis …

10. Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet premessi l-Qorti;

a. Iddikjarat l-ewwel talba sorvolata,

b. Laqgħet it-tieni talba u ddikjarat li l-intimat qiegħed jokkupa u jżomm il-fond tlieta u erbgħin (43) ġja disgħa u għoxrin (29) Triq is-Sirena, L-Isla, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi,

c. Laqgħet it-tielet talba u ordnat lill-intimat sabiex fi żmien massimu ta' erba' (4) xhur mid-data tas-sentenza jiżgombra mill-imsemmi fond u jikkonsenja ċ-ċwievet lir-rikorrenti,

By means of a decree given by the Court of Appeal, on the 8th November, 2021, Applicaction of Appeal number 448/2021, in the names Gordon Blanco vs Kurt Grech, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Gordon Blanco, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application , Following the judgement in the names Application number 448/2021 JVC, in the names Gordon Blanco (ID 02666082M) as special mandatary on behalf and in representation of the absent George Victor Cassar (passport of the United States with number 645012026), Patricia Marie Cassar (passport of the United States with number 647910482), Janet Ann Mutch (passport of the United States with number 591745940), and Josephine Rita Cassar (passport of the United States with number 645012026) qua heir of the deceased George Cassar and qua owners of the premises with number '43' previously twenty nine (29) in Triq is-Sirena,Senglea vs Kurt Grech (ID 0433988M), on the 7th July, 2021, the applicant Kurt Grech respectfully pleaded:

1. That this application is an appeal from the judgement of the First Hall Civil Court of the 30th June, 2021, in the names premised;

2.That by means of an application filed by means of the special summary procedure Gordon Blanco as special mandatary on behalf and in representation of the absentees asked,

… omissis …

1. That the respondent is occupying the premises number forty three (43) previously twenty nine, in Triq is-Sirena, Isla, be evicted,

… omissis …

10.That by means of a judgement of the First Hall Civil Court, in the names premised the Court;

a. declared the first demand overuled,

b. Upheld the second demand and declared that the respondent is occupying and holding the flat forty three (43) previously twenty nine (29) Triq is-Sirena, Isla, without any valid title at law,

c. Upheld the third demand and ordered the respondent so that within a maximum period of four (4) months from the date of the judgement he vacates the said premises and delivers the keys to the applicants,

11. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti,

… omissis …

12. Illi l-esponenti ħassu aggravat mid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qortu fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Ġunju, 2021, u dan stante l-fatt li huwa kellu difiża xi jressaq u għalhekk ladarba huwa kellu l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi kienet preskritta a tenur tal-Art. 2143 tal-Kapitol 16 tal-Liġijiet ta' Malta, bir-rispett kollha l-Onorabbli Qorti qatt ma kellha tisma' l-kawża bil-proċedura sommarja, li wasslet għall-iżgumbrament tiegħu mill-fond,

13. Illi l-aggravju tal-appellanti huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti,

Illi l-appellant umilment isostni li huwa kellu eċċezzjonijiet xi jressaq u għalhekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li l-appellant ma ssodisfax lill-Qorti li kellu xi eċċezzjonijiet prima facie u għaddiet sabiex semgħet il-kawża bil-proċedura sommarja,

… omissis …

Bir-rispett u umilment l-appellant isostni li huwa rnexxielu jipprova li kellu eċċezzjonijiet x'jagħmel u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta semgħet il-kawża bil-proċedura sommarja u laqgħet it-talba attriċi.

… omissis …

Għaldaqstant, l-esponenti appellant filwaqt illi jirreferi għall-atti tal-kawża jirriserva illi jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa li jipproduċi l-provi kollha ammissibbli skont il-liġi f'dan l-istadju jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-aggravju tal-appellant,

1. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet Gordon Blanco, detentur tal-karta tal-identità numru 0266082M, bħala mandatarju speċjali għan-nom in rappreżentanza tal-assenti George Victor Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 645012026), Patricia Marie Cassar (passaport tal-Istati Uniti bin-numru 647910482), Janet Ann Mutch (passaport tal-Istatui Unti bin-numru 591745940), u Josephine Rita Cassar (passaport tal-Istati Unti bin-numru 645012026), qua eredi tad-defunt George Cassar u qua proprjetarji tal-fond bin numru 43 ġja disgħa u għoxrin (29) fi Triq is-Sirena, Senglea vs Kurt Grech (KI 0433988M) deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021, u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li l-appellant għandu difiża valida x'jagħmel u allura din il-kawża m'għandhiex tiġi deċiża bil-proċedura sommarja speċjali tirrimetti l-atti lura lil-Ewwel Onorabbli Qori sabiex l-appellant jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu u biex il-kawża tipproċedi fil-kors normali tagħha.

Bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

11. That the facts in brief are the following,

… omissis …

12. That the interpellant felt aggrieved by the decision of this Honourable Court in the names premised of the 30th June, 2021, and this due to the fact that he had a defence to bring forward and thus once he had the plea that the action was prescribed in terms of Art. 2143 of Cap. 16 of the Laws of Malta, with all respect the Honourable Court should have never hear the cause by means of the summary procedure, which brought about his eviction from the premises,

13. That the aggrievance of the appellant is clear and manifest and consists in the following,

That the appellant humbly upholds that he had pleas to bring forward and thus does not agree with the decision of the Honourable First Court that the appellant did not satisfy the Court that prima facie he had pleas and passed on to hear the hear the cause by summary proceedings,

… omissis …

With respect and humbly the appellant submits that he managed to proof that he had pleas to make and thus the Honourable First Court was mistaken when it heard the cause by summary proceedings and upheld the plaintiff's demand.

… omissis …

Thus, the interpellant whilst referring to all the records of the case and reserves to make all the observations he deems fit to produce all the proof admissible according to law at this stage respectfully prays this Honourable Court to uphold the grievance of the appellant,

1. To cancel and revoke the judgement appealed in the names Gordon Blanco, holder of identity card number 0266082M, as specal mamatarty on behalf and in representation of the absent George Victor Cassar (passport of the United States with number 645012026), Patricia Marie Cassar (passport of the United States with number 647910482), Janet Ann Mutch (passport of the United States with number 591745940), and Josephine Rita Cassar (passport of the United States with number 645012026), qua heir of the deceased George Cassar and qua owner of the premises with number 43 previously twenty nine (29) in Triq is-Sirena, Senglea vs Kurt Grech (ID 0433988M) decided on the 30th June, 2021, and consequently whilst declaring that the appellant has a valid defence to make and thus this cause should not be decided by summary proceedings sends back the records to the Honourable First Court so that the apellant presents his sworn rerply so that the cause be continued in its normal course.

With costs, of both instances against the respondent

Notifka Appellat: 12, Sea Pebbles, Mais 1, Triq ix-Xambekk, Baħar iċ-Ċagħaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 2 ta' Frar, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify Respondent: 12, Sea Pebbles, Mais 1, Triq ix-Xambekk, Baħar iċ-Ċagħaq

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 2nd February, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

179

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Jannar, 2022, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Richard Bilocca vs Marianna Bilocca, Rikors numru 93/21, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Marianna Bilocca, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Richard Bilocca vs Marianna Bilocca, fit-29 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Richard Bilocca (KI 1185M) espona bir-rispett:

Illi l-intimata Marianna Bilocca, xebba Cachia, ippreżentat talba fil-Kurja ta' Malta, sabiex jiġi dikjarat null iż-żwieġ li kien ġie ċelebrat bejnha u r-rikorrent Richard Bilocca fit-3 ta' Ottubru, 2008, fil-Knisja ta' Santa Katerina, iż-Żurrieq;

Illi t-Tribunal Metropolitan ta' Prim'Istanza f'Malta, laqa' t-talba tagħha u ddikjara null l-imsemmi żwieġ b'sentenza pubblikata fit-22 ta' Ottubru, 2021;

Illi ħadd mill-partijiet ma intavola appell mill-imsemmija deċiżjoni;

Illi b'digriet ta' eżekuttività mogħti fil-15 ta' Novembru, 2021, l-istess Tribunal Metropolitan ta' Malta Reġjonali tat-Tieni Istanza, iddikjara, ikkonferma u ċċertifika l-eżekuttività tal-imsemmija sentenza;

Illi r-rikorrent qed jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 et sequitur tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex id-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi reġistrata u rikonoxxuta ċivilment għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara illi s-sentenza pubblikata fit-22 ta' Ottubru, 2021, għandha effett u tkun rikonoxxuta daqslikieku kienet sentenza mogħtija minn Qort Ċivili Maltija u li saret res judicata skont l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom ir-reġistrazzjoni tal-imsemmija sentenza għall-finijiet u effetti kollha tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree , given by the Court of Appeal, on the 5th January, 2022, in the records of the Application in the names Richard Bilocca vs Marianna Bilocca, Application number 93/21, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Mariana Bilocca, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, in the names Richard Bilocca vs Mariana Bilocca, on the 29th November, 2021, the applicant Richard Bilocca (ID 1185M) respectfully pleaded:

That the respondent Marianna Bilocca, née Cachia, filed a request at the Curia of Malta, in order that the marriage which was celebrated between her and the applicant Richrd Bilocca on the 3rd October, 2008, at the Church of Santa Katerina, Żurrieq, be declared null;

That the Metropolitan Tribunal of First Instance in Malta, upheld her demand and declared null the said marriage by means of a judgement published on the 22nd of October, 2021;

That no one of the parties filed an appeal from the said decision;

That by means of an executive decree given on the 15th November, 2021, the same Regional Metropolitan Tribunal of Second Instance of Malta, declared , confirmed and certfied the executive force of the said judgement;

That the applicant is availing himself of the provisions of Article 24 et sequitur of the Marriage Act (Cap. 255 of the Laws of Malta) so that the decision above mentioned be registered and recognised civilly for all intents and purposes of law.

Thus, for the reasons premised the interpellant respectfully prays this Honourable Court,

1. To declare that the judgement published on the 22nd October, 2021, has effect and is to be recognised as if it were a judgement given by the Maltese Civil Court and which has become res judicata acccording to Article 19 of Cap. 255 of the Laws of Malta, and uphold the other demands in he application amongst which the registration of the said judgement for all intents and purposes of Cap. 255 of the Laws of Malta.

Notifika Intimata: Marianna Bilocca xebba Cachia, 28, Triq San Bartilmew, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 2 ta' Frar, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify Respondent: Marianna Bilocca née Cachia, 28, Triq San Bartilmew, Żurrieq

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 2nd February, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

180

ARB/C005/2022 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-31 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dr Gabriella Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 785/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Shaun Friġġieri)
(l-Ispettur Joseph Xerri)

Kontra

MOHAMED MOUSSA, xufier tat-taxi, ta' 35 sena, iben Omar Moussa u Mona El Daoud, imwieled Tyre, il-Lebanon fit-18 ta' Diċembru, 1986, residenti Mir Court, Flat 9, Triq Toni Wiżżini, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 414008L.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' MOHAMED MOUSSA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli sal-limitu ta' ħamsa u sittin elf u ħamsin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€65,050.21), u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif reża applikabli bl-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A u Artikolu 5 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C005/2022 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 31st January, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD). Compilation Number 785/2021, in the case:

The Police
(Inspector Shaun Friġġieri)
(Inspector Joseph Xerri)

Versus

MOHAMED MOUSSA, taxi driver, 35 years, son of Omar Moussa and Mona El Daoud, born in Tyre, Lebanon on the 18th December, 1986, residing at Mir Court, Flat 9, Triq Toni Wiżżini, Birkirkara, and holder of Maltese identity card bearing number 414008L.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MOHAMED MOUSSA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property up to the limit of sixty-five thousand and fifty Euro and twenty-one cents (€65,050.21), and this in terms of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta and Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, as made applicable by Article 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A and Article 5 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illi dan l-ordni tal-iffrizar qiegħed għalhekk jirrevoka l-ordni tal-iffrizar temporanja mogħti b'digriet iddatat 25 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella, LLD.

Illum, 3 ta' Frar, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

That this freezing order is thus revoking the temporary freezing order issued through decree dated 25th January, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature presided by Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD.

Today, 3rd February, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

181

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Novembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Vassallo vs Roderick Agius et Rikors numru 209/2021MV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Roderick Agius a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Vassallo (KI 774340M) vs Roderick Agius (KI 382771M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-18 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrenti Anthony Vassallo (KI 774340M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jirrevedi l-kera tas-sest (1/6) indiviż appartenenti lill-esponenti, tal-fond ossija l-mezzanin numru 1 bl-isem ta' Dorsam fi Triq Emmanuel Stivala, Ir-Rabat, Malta, liema sehem huwa mikri lill-intimat bil-kera għall-intier ta' €233.28 fis-sena, illi minnhom l-esponenti in vista ta' sehmu indiviż su indikat, jirċievi s-somma ta' €38.88 fis-sena għall-ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, fl-1 ta' Jannar, 2021, kif ukoll sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, u dan ai terminit al-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Subordinament u bla preġudizzju għall-ewwel talba, f'każ illi l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-liġi, jippermetti lill-intimat sabiex jivvaka l-imsemmi fond fi żmien sentejn (2) u dan b'kumpens favur l-esponenti, matul dan il-perjodu, hekk kif determinat minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 18, Strathisla, Triq Robert Sammut, Tal-Virtù, Ir-Rabat, Malta

Intimat: 1, Dorsam, Triq Emmanuel Stivala, Ir-Rabat, Malta

By means of a decree of the 23rd November, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anthony Vassallo vs Roderick Agius et, Application Number 209/2021MV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Roderick Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Anthony Vassallo (ID 774340M) vs Roderick Agius (ID 382771M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 18th June 2021, the applicant Anthony Vassallo (ID 774340M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Revise the rent of the one-sixth (1/6) undivided share belonging to the applicant, of the premises that is the mezzanine number 1 with the name of Dorsam in Triq Emmanuel Stivala, Rabat, Malta, which share is leased to the respondent at the entire rent of €233,28 per annum, of which the applicant in view of his undivided share receives the amount of €38,88 per annum, to an amount not exceeding 2% per annum of the free and open market value, on 1st January, 2021, as well as in order to establish new conditions regarding rent, and this in accordance with Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta; and

2. Subordinate and without prejudice to the first request, in case the respondent does not meet the criteria of income and capital of the means test in terms of law, allows the respondent to vacate the said premises within two (2) years and this with a compensation in favour of the applicant during this period as determined by this Honourable Board.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 18, Strathisla, Triq Robert Samut, Tal-Virtù, Rabat, Malta

Respondent: Dorsam, Triq Emmanuel Stivala, Rabat, Malta

Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Vassallo vs Roderick Agius et, Rikors numru 209/2021MV, jinsab differit għat-22 ta' Frar, 2022, fit-12.20 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Housing Authority

The application in the names Anthony Vassallo vs Roderick Agius et, Application number 209/2021MV, has been postponed for hearing to the 22nd February, 2022, at 12.20 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

182

DKR 138/2015 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti Kriminali (Onor. Imħallef Dr Aaron M. Bugeja, LLD) wara rikors ippreżentat minn Kenneth Brincat fil-25 ta' Ottubru, 2021, Kumpilazzjoni numru 314/2015, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

Kontra

KENNETH BRINCAT, ta' 33 sena, bin Edgar u Veronica née Galea, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-10 ta' Frar, 1988, residenti gewwa l-fond bin-numru 67, Flat 2, Triq Raddet ir-Roti, Il-Mosta, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0109588M.

Il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat Kenneth Brincat u tvarja l-ordni tal-iffriżar de quo biss u limitatament kif se jingħad u ċjoè billi:

(a) Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jakkwista s-sehem ta' nofs indiviż mill-fond bl-isem Sacred Heart, Triq tas-Sisla, Is-Swatar, mingħand Andreea Prodan skont l-abbozz esibit;

(b) Mill-mument li jiġi ppubblikat l-att ta' trasferiment relattiv u r-rikorrent jakkwista wkoll sehem Prodan mill-imsemmi stabbili, is-sehem sħiħ tar-rikorrent mill-immobbli de quo, issa allura l-pjena proprjetà fih, għandu jitqies li jkun milqut fl-interità tiegħu mill-ordni ta' ffriżar de quo;

(c) Din l-awtorizzazzjoni qiegħda ssir biss u limitatament sabiex ikun jista' jsir dan it-trasferiment u bl-ebda mod ma timplika xi awtorizzazzjoni oħra minbarra din; jew li din il-Qorti għamlet xi verifika preċedenti in konnessjoni jew li taqbel ma', tikkonferma, tavalla, tissottoskrivi, tissanzjona jew, b'xi mod ieħor, tapprova, jew tqis jew li taċċetta bħala vera jew ġenwina, kwalunkwe dikjarazzjoni ta' proprjetà jew provenjenza, valur tal-immobbli jew tas-sehem trasferit,

DKR 138/2015 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd December, 2021, given by the Criminal Court – (Mr. Justice Dr Aaron M. Bugeja, LLD) following an application filed by Kenneth Brincat on the 25th October, 2021, Compilation number 314/2015, in the case in the names:

The Police

Versus:

KENNETH BRINCAT, 33 years, son of Edgar and Veronica née Galea, born in Pieta' Malta on the 10th February 1988, residing at number 67, Flat 2, Triq Raddet ir-Roti, Mosta, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 0109588M.

The Court acceded to the request of the accused Kenneth Brincat and varies the freezing order de quo only and limitedly as stated below:

(a) Authorises the applicant to acquire the half of the undivided share of the property Sacred Heart, Triq tas-Sisla, Swatar from Andreea Prodan in accordance with the draft exhibited;

(b) From the moment the relative deed of transfer is published and the applicant also acquires Prodan's share of the said establishment, the applicant's full share of the immovable property de quo, now the property ownership in it , shall be deemed to be affected in its entirety by the freezing order de quo;

(c) This authorisation is made only to a limited extent in order to enable such transfer and does not in any way imply any authorization other than this; or that this Court has made any prior verification in connection with or agrees with, confirms, endorses, underwrites, sanctions or, in any other way, approves, or considers or accepts as true or genuine, any declaration of ownership or provenance, value of the immovable property or of the share transferred, or any

jew kull dikjarazzjoni meħtieġa li ssir fl-imsemmi att pubbliku skont il-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; u dan id-digriet m'għandu bl-ebda mod jiġi interpretat, mifhum jew użat daqslikieku għandu xi valur probatorju fir-rigward tal-fatti tal-każ jew mad-determinazzjoni tal-meritu tal-azzjoni kriminali miġjuba kontra r-rikorrent jew li waslet għall-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar de quo; b'mod għalhekk li dan id-digriet iħalli l-meritu tal-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent kompletament impreġudikat;

(d) Taħtar lill-Avukat Dr Robert Musumeci sabiex:

i. Filwaqt li jkun preżenti għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-trasferiment de quo;

ii. Isegwi l-andament ta' dan il-kuntratt;

iii. Jassigura li t-termini ta' dan id-digriet jiġu mwettqa kollha;

iv. Nonche li jara li kopja ta' dan il-kuntratt tiġi inserita fl-atti ta' dan il-każ.

(e) Li l-att ta' trasferiment de quo għandu jiġi ppubblikat min-Nutar Annalisa Caruana f'data u ħin li għandha tkun maqbula bejn il-partijiet u l-Avukat Dr Robert Musumeci.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, insegwitu ta' varjazzjoni oħra mogħtija mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LLD) b'digriet datat 27 ta' Awwissu, 2021, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Settembru, 2021, insegwitu ta' varjazzjoni oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Neville Camilleri, LLD) b'digriet datat 2 ta' Ġunju, 2016, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ġunju, 2021, insegwitu ta' varjazzjoni oħra mogħtija mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dr Giovanni Grixti, LLD) b'digriet datat 6 ta' Diċembru, 2016, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar, 2017, u insegwitu ta' ordni ta' ffriżar mogħtija b'digriet datat 20 ta' Marzu, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Gabriella Vella) u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Marzu, 2015, wara li l-Qorti ssekwestrat f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Kenneth Brincat.

Illum, 21 ta' Jannar, 2022

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

declaration required to be made in the said public deed in accordance with Cap. 373 of the Laws of Malta; and this order shall in no way be construed, understood or used as having any probative value in relation to the facts of the case or in determining the merits of the criminal action brought against the applicant or which came to the issuance of the de quo freezing order; so that this decree leaves the merits of the criminal action against the applicant completely unaffected;

(d) Appoint Dr Robert Musumeci to:

i. While being present for the publication of the de quo transfer contract;

ii. Follow the progress of this contract;

iii. Ensure that the terms of this decree are fully complied with;

iv. Also to see that a copy of this contract is inserted in the records of this case.

(e) That the deed of transfer de quo is to be published by Notary Annalisa Caruana at a date and time agreed between the parties and Dr Robert Musumeci.

This variation is being published in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and of Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, following another variation given by the Criminal Court (Madame Justice Dr Edwina Grima, LLD) on the 27th August, 2021, and published in the Government Gazette of the 10th September, 2021, following another variation given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Neville Camilleri, LLD) on the 02nd June, 2016, and published in the Government Gazette of the 21st June, 2016, following another variation given by the Criminal Court (Mr Justice Dr Giovanni Grixti, LLD) on the 6th December, 2016, and published in the Government Gazette of the 6th January, 2017, and following a freezing order which decree was given on the 20th March, 2015, by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Gabriella Vella, LLD) and published in the Government Gazette of the 27th March, 2015, whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable property which may be due to or belonging to Kenneth Brincat.

Today, 21st January, 2022

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603